# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022

Mandat ta' Inibizzjoni Numru. **1883/2021 ISB**

Fl-atti tar-Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru **1883/2021ISB** fl-ismijiet:-

**Marie Anne Fiorini** (KI 177874M)

vs

**Kenneth Gauci**, (ID 242571M)
**Corinne Gauci** (KI 191400L) u
**Kenneth Gauci** bhala kuratur deputat ghall-minuri **Nichole Gauci** (KI 151304L)

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Marie Anne Fiorini fl-20 ta' Dicembru 2021 minn fejn jirrizulta illi hija qeghda titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, sabiex in kawtela tal-jeddijiet taghha, izomm lill-intimati milli:

> *Jzarmaw l-ebda struttura u/jew jaghmlu hsara fil-fond 12, 13 "Ghad-Dell tal-Kampnar", Triq San Nikola, Siggiewi u sabiex ma*

> *jimmisapproprijawx ruhom minn ebda oggett mobbli li jinsab fil-fond.*

Rat id-digriet tal-20 ta' Dicembru 2021 fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-Erbgha 5 ta' Jannar 2022, (liema seduta giet differita ghas-17 ta' Jannar 2022 minhabba indispozizzjoni tal-Qorti), u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti bi zmien ghar-risposta.

Rat l-atti kollha pprezentati, inkluz mir-risposta tal-intimati tat-3 ta' Jannar 2022 u d-dokumenti ppresentati miz-zewg partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat illi l-Mandat thalla ghal digriet kamerali, li qed jinghata llum.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti biex twaqqaf lill-intimat milli *jzarmaw l-ebda struttura u/jew jaghmlu hsara fil-fond 12, 13 "Ghad-Dell tal-Kampnar", Triq San Nikola, Siggiewi u sabiex ma jimmisapproprijawx ruhom minn ebda oggett mobbli li jinsab fil-fond.*

Illi dan qed jintalab peress illi r-rikorrenti xtrat il-proprjeta` 12-13, Ghad-Dell tal-Kampnar, Triq San Nikola, Siggiewi permezz ta' kuntratt pubbliku tas-17 ta' Marzu 2011. Hija tikkontendi illi kienet f'relazzjoni mal-intimat Kenneth Gauci li minn naha tieghu, flimkien mal-intimati l-ohra, joqghod fil-fond msemmi. Tghid illi permezz ta' sentenza tad-9 ta' Dicembru 2021, il-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-intimati mill-fond de quo u akkordat zmien tlett xhur, ossia sa' Marzu 2022. Hija tghid illi l-intimat Kenneth Gauci hedded illi sakemm jitlaq mill-fond huwa kien ser izarma xi strutturi mill-fond u jimmizapproprja ruhu minn oggetti li jinsabu fil-fond u ghalhekk kellha tressaq din it-talba.

Illi l-intimati, minn naha taghhom, jilqghu ghal dan ir-rikors ghal hrug tal-Mandat principalment billi ighidu illi l-Mandat huwa mitlub ai termini tal-Artiklu 875(2) tal-KAP 12 u dak huwa erraneju, peress illi Mandati jista' jintalab ai termini tal-Artikolu 873 jew 874 tal-KAP 12.

L-intimati inoltre` jsostnu illi fi kwalunkwe kaz, iz-zewg elementi rikjesti biex jirnexxi Mandat ta' Inibizzjoni ma humiex sodisfatti.

## Dritt:

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skont l-**artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu soddisfatti zewg kriterji.

L-ewwel kirterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.

It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant.

Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Ukoll, li l-Mandat ta' Inibizzjoni <u>huwa mezz procedurali eccezzjonali</u> u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, <u>il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli</u>.

B'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

## Ikkunsidrat Ultejorment:

Illi jirrizulta mit-trattazzjoni tal-Mandat, illi l-kontendenti ghexu fil-fond de quo ghal zmien twil, sakemm tlewmu u r-rikorrenti otteniet sentenza li biha zgumbrat lill-intimat Kenneth Gauci. Peress illi s-sentenza inghatat fid-9 ta' Dicembru 2021 u l-Qorti akkordat tlett xhur ghall-izgumbrament, il-partijiet ghadhom sal-llum ighixu fl-istess fond.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-intimat hedded illi kien ser jzarma xi strutturi (mit-trattazzjoni jirrizulta illi din hija xi walk-in wardrobe) u xi tinda. Kien ghalhekk illi irrikorriet ghal din il-procedura.

Id-difensur tar-rikorrenti spjega illi jekk il-mandat jintlaqa', ir-rikorrenti jipprocedi bil-kawza u tkun tista' ccediha f'Marzu meta huwa jitlaq mid-dar.

Minn naha tieghu l-intimat isostni illi il-mandat bhal dan huwa mezz straordinarju u ma ghandux jintlaqa` meta al piu`, il-pregudizzju li tista' ssofri r-rikorrenti, huwa wiehed pekunjarju. Jsosnti ukoll illi z-zewg intimati, Corrine Gauci u l-minuri Nicole Gauci gew imharrka inutilment.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-Qorti tibda' biex tghid illi hija taqbel mas-sottomissjoni tal-intimat Kenneth Gauci fis-sens illi fil-konfront tal-intimati Corinne Gauci u l-minuri Nicole Gauci la tressqu xi pretensjonijiet u lanqas ma' r-rikorrenti ppruvat l-icken biza' ta' pregudizzju li huma jistghu jikkawzawlha. Il-Qorti tqis illi dawn iz-zewg intimati gew imharrkin inutilment.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti sejra tillibera lill-istess intimati Corinne Gauci u Nicole Gauci mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tqis illi t-tfittxija tal-jedd *prima facie* trid issir b'mod pożittiv fl-identifikazzjoni ta' jedd li l-parti rikorrenti tista' tinvoka b'azzjoni u li tista' tinforza kontra l-parti intimata, u mhux sempliċement billi tressaq 'il quddiem il-konsegwenzi negativi li jistgħu jinħalqu li kieku t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax.

Il-Qorti tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Il-Qorti tinnota illi meta l-gharef difensur tar-rikorrenti kien mistoqsi dwar x'azzjoni jiehu jekk il-Mandat jigi akkolt, huwa spjega illi r-rikorrenti tressaq kawza (aktarx dikjaratorja) li ccedi wara marzu meta l-intimat jizgombra.

Il-Qorti tara illi l-biza` tar-rikorrenti hi illi l-intimat jiehu jew izarma il-*walk-in wardrobe* u xi tinda illi hemm fil-fond de quo. Certament, illi filwaqt illi fuq theddida, jekk qed thossha mhedda, hija ghandha rimedji ohra, minn naha l-ohra l-ħsara li r-rikorrenti tghid li tista' ssofri ma jidhirx li tkun waħda irrimedjabbli jekk kemm-il darba t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti thoss illi ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub.

**Ghaldaqstant**, ghal dawn il-motivi, wara li rat l-atti kollha relattivi, il-Qorti qed **taqta' u tiddeciedi**, billi:

a) **TILLIBERA** lill-intimati Corinne Gauci u Nichole Gauci mill-osservanza tal-gudizzju, u

b) **TICHAD** it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat kif dedott, u

c) **TIRREVOKA CONTRARIO IMPERIO** d-digriet taghha tal-20 ta' Dicembru 2021 safejn il-mandat gie milqugh b'mod provvizorju,

**Bl-ispejjez** ta' din l-istanza jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, **it-Tlieta 18 ta' Jannar, 2021**.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**